MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2026 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 23rd May 2026 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

**THE SCRIPTURE AND THE CREED**

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

**SECTION A: THE BIBLE**

1. The Jewish Feast of Passover commemorates the events leading to the Exodus. In Christian theology, these themes find new expression in the Passion of Jesus. Discuss.

2. Biblical prophets interpreted God's will in their historical context, and their visions of the future arose from this interpretation. Discuss with reference to the context, vocation, and message of **TWO** Major Prophets.

3. What is the Synoptic Problem, and how do the main theories of Gospel formation attempt to explain it?

4. Explain how the Resurrection renewed the faith of those who had lost hope in Jesus, citing **TWO** specific episodes from the Gospels.

**SECTION B: THE CREED**

5. "Philosophy has much to question and much to offer in the dialogue between faith and reason and between the Church and the world" (*Pope Leo XIV, 3rd October 2025*). Discuss.

6. "May the grace of the Lord Jesus Christ, and the love of God, and the fellowship of the Holy Spirit be with you all" (*2 Cor 13:13*). Discuss this statement in relation to the doctrine on the Trinity.

7. The Christian tradition speaks of God as almighty yet personally close, expressed through the analogical images of shepherd and father. Discuss.

8. "Eternal life is thus not a projection of an individual human existence, but is rather to be seen as sharing, with the redeemed community as a whole, in the community of a loving God" (*Alister McGrath*). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 23 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**L-ISKRITTURA U L-KREDU**

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

## TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Il-Festa Lhudija tal-Għid tfakkar il-ġrajjiet li wasslu għall-Eżodu. Fit-teoloġija Nisranija, dawn it-temi jsibu ħajja ġdida fil-Passjoni ta' Ġesù. Iddiskuti.

2. Il-profeti Bibliċi interpretaw ir-rieda t'Alla skont il-kuntest storiku tagħhom, u l-viżjonijiet tagħhom tal-futur tqanqlu minn din l-interpretazzjoni. Iddiskuti b'referenza għall-kuntest, il-vokazzjoni, u l-messaġġ ta' **ŻEWĠ** Profeti Kbar.

3. X'inhi l-Problema Sinottika, u kif it-teoriji ewlenin tal-formazzjoni tal-Evanġelju jippruvaw jispjegawha?

4. Spjega billi tagħti **ŻEWĠ** okkażjonijiet konkreti mill-Evanġelji kif il-Qawmien ta' Kristu ġedded il-fidi tan-nies li kienu tilfu t-tama.

## TAQSIMA B: IL-KREDU

5. "Il-filosofija għandha ħafna x'tgħarbel u ħafna x'toffri fid-djalogu bejn il-fidi u r-raġuni u bejn il-Knisja u d-dinja" (*Papa Ljun XIV, 3 ta' Ottubru 2025*). Iddiskuti.

6. "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll" (*2 Kor 13:13*). Iddiskuti din id-dikjarazzjoni b'rabta mad-duttrina dwar it-Trinità.

7. It-tradizzjoni Nisranija titkellem dwar Alla bħala dak li jista' kollox, imma qrib il-bniedem, u turih bi xbihat analoġiċi ta' ragħaj u missier. Iddiskuti.

8. "Il-ħajja ta' dejjem mhix projezzjoni ta' eżistenza umana individwali, iżda għandna narawha bħala parteċipazzjoni fil-komunità mifdija kollha kemm hi, fil-komunità ta' Alla kollu mħabba" (*Alister McGrath*). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2026 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 23rd May 2026 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

**LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY**

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

## SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. Various elements of the liturgy enhance and sustain Christian life and worship. Discuss, with reference to **FOUR** elements.

2. "Time does not simply mark the existence of Christians; it offers them an arena within which they may grow and develop. To structure time is thus seen as a means of encouraging spiritual growth ..." (*Alister McGrath*). Discuss with reference to the setting aside of Sunday.

3. Discuss the role of symbols in the human experience and in the encounter with the transcendent, referring to sacramental symbols and illustrating their meaning in Christian life with appropriate examples.

4. The purpose of the **TWO** Sacraments of Healing "is the will that the Church continues in the name of Christ, in the power of the Holy Spirit, his work of healing and salvation" (*CCC, 1421*) Discuss.

## SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. Every human being is called to live a virtuous life. Discuss, with reference to the cardinal and theological virtues.

6. "In a very fundamental sense, marriage is a primordial sacrament because the Bible teaches us that God himself created humans male and female and provided Adam with a companion with whom he would live until death" (*Lawrence Cunningham, 116-117*). Discuss, with references to present-day challenges to this statement.

7. "God alone is the Lord of life from its beginning until its end: no one can under any circumstance claim for himself the right directly to destroy an innocent human being" (*CCC, 2258*). Discuss with reference to the Fifth Commandment, including **FOUR** examples of violations against this Commandment.

8. Discuss the impact of secularisation on Christianity and the role of the Church in her response to this phenomenon.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 23 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA**

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

## TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Diversi elementi tal-liturġija jsaħħu u jsostnu l-ħajja u l-qima Nisranija. Iddiskuti, b'referenza għal **ERBA'** elementi.

2. "Il-ħin mhux sempliċement jimmarka l-eżistenza tal-Insara. Iżda joffrilhom xenarju li fih jistgħu jikbru u jiżviluppaw. Għalhekk, li nistrutturaw il-ħin huwa meqjus bħala mezz biex ninkoraġġixxu l-iżvilupp spiritwali ..." (*Alister McGrath*). Iddiskuti b'referenza lejn il-ħarsien tal-Jum tal-Ħadd.

3. Iddiskuti r-rwol tas-simboli fl-esperjenza tal-uman u tat-traxxendentali, billi tirreferi għas-simboli sagramentali u spjega t-tifsira tagħhom fil-ħajja Nisranija b'eżempji xierqa.

4. L-iskop taż-**ŻEWĠ** Sagramenti tal-Fejqan huwa "li l-Knisja tiegħu tkompli, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-ħidma tiegħu ta' fejqan u ta' salvazzjoni" (*KKK, 1421*). Iddiskuti.

## TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. Kull bniedem huwa msejjaħ biex jgħix ħajja virtuża. Iddiskuti, b'referenza għall-virtujiet kardinali u teoloġiċi.

6. "F'sens fundamentali, iż-żwieġ huwa sagrament primordjali għaliex il-Bibbja tgħallimna li Alla nnifsu ħalaq lill-bnedmin irġiel u nisa u pprovda lil Adam b'sieħba li magħha jgħix sal-mewt" (*Lawrence Cunningham, 116-117*). Iddiskuti, b'referenzi għall-isfidi tal-lum għal din id-dikjarazzjoni.

7. "Alla biss hu sid il-ħajja mill-bidu sat-tmiem tagħha: ħadd ma jista' jippretendi għalih f'ebda ċirkostanza, id-dritt li jeqred direttament il-ħajja ta' bniedem innoċenti" (*KKK, 2258*). Iddiskuti b'referenza għall-Ħames Kmandament u inkludi **ERBA'** eżempji ta' kif dan il-Kmandament jista' jinkiser.

8. Iddiskuti l-impatt tas-sekularizzazzjoni fuq il-Kristjaneżmu u l-irwol tal-Knisja fir-rispons tagħha għal dan il-fenomenu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.